**22 ta' April, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Anna Diso

*versus*

Francis Zahra et.

**Kompetenza — Self — "Barmaid" — Lokazzjoni d'Opera — Aġenti tal-Kummerċjant — Art. 641(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*L-azzjonijiet kontra aġenti jew persuni oħra nkarigati minn kummerċjanti u subalterni tagħhom għall-operazzjonijiet magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom, u l-azzjonijiet ta' dawk imsemmija l-ewwel kontra l-prinċipal, huma materja tal-Qorti tal-Kummerċ. Din id-dispożizzjoni tikkontempla l-każ ta' azzjonijiet kontra aġenti, kommessi tan-negozju u subalterni tagħhom. għall-fatti biss tal-kummerċ tan-neguzjant li għalieh huma ad-*

*detti; u tapplika għal dawk il-persuni li jagħmlu attijiet ġuridiċi "in rappreżentanza tal-kummerċjant".*

*Għaldaqstant, azzjoni ta' kummerċjant kontra persuna li mpjegat ruħha miegħu bħala "barmaid" għar-restituzzjoni ta' self li huwa agħmlilha, u li hija kellha troddlu ftit ftit mis-salarju tagħha, hija ta' kompetenza ċivili, jekk dik il-"barmaid" kellha l-inkombenza biss li tkompli man-nies u ma kellha x'taqsam xejn mal-flus u max-xogħol tal-prinċipal. Ir-relazzjoni bejn dik il-"barmaid" u l-prinċipal kienet sempliċi lokazzjoni d-opera, li fir-rigward tal-"barmaid" kienet relazzjoni ta' natura prettament ċivili. Il-fatt li l-ħlas lura tas-self kellu jsir b'deduzzjonijiet mis-salarju ma jbiddelx in-natura ta' dan il-kuntratt.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess li l-instanti silfet lill-konvenuti s-somma ta' £110, li minnha tħallsu akkont £7, talbet li l-konvenuti jkunu kundannati jħallsu lill-istanti s-somma ta' £103, bilanċ tal-ammont lilhom misluf; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Awissu 1959 u tal-mandat ta' impediment tas-safar tat-3 ta' Novembru 1959, u bl-imgħax legali minn notifika tal-istess ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Marzu 1960, li biha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenuti u ddikjarat ruħha inkompetenti "ratione materiae" li tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat;

Irriżulta li l-ammont reklamat jirrigwarda bilanċ ta' import ta' antiċipu ta' salarju avanzat mill-atturi lill-konvenuta meta din impjegat ruħha bħala "barmaid" mal-attriċi fil-ħanut "Retainer Bar";

Bl-art. 641(a) tal-Kodiċi Kummerċjali huma materja tal-Qorti tal-Kummerċ l-azzjonijiet kontra aġenti jew per-

suni oħra nkarigati minn kummerċjanti u subalterni tagħhom għall-operazzjonijiet biss magħmulin fil-kors ordinarju tal-kummerċ tal-prinċipal tagħhom u azzjonijiet ta' dawk imsemmija l-ewwel kontra l-prinċipal;

Peress li l-azzjoni proposta tirrigwarda fatti li għalihom tirriferixxi dik id-dispożizzjoni tal-liġi ("Giulia Holland vs. Teresa Shead et." Vol. XXXVII-III-952), din il-Qorti mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Rat ir-rikors li bih l-attriċi talbet li din il-Qorti tiddeċidi definittivament liema hi l-Qorti kompetenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni tal-atturi l-ammont in kwistjoni hu espressament dikjarat bħala dovut in raġuni ta' "self". In-natura tal-kuntratt ma titbiddelx unikament għaliex il-ħlas lura kellu jsir b'deduzzjonijiet ta' parti missalarju;

Fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni tal-atturi l-ammont in Ewwel Onorabbli Qorti, ma jidhrilhiex illi fiċ-ċirkustanzi li jirriżultaw mill-provi dan il-każ jaqa' taħt id-dispożizzjoni tal-paragrafu (a) tal-art. 641 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dik id-dispożizzjoni tikkontempla l-każ ta' azzjonijiet kontra aġenti, kommessi ta' negozju u subalterni tagħhom, għall-fatti biss tal-kummeċ tan-neguzjant li għalieh huma addetti. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dispożizzjoni tapplika għal dawk il-persuni li jagħmlu attijiet ġuridiċi "in rappreżentanza tal-kummerċjant";

Il-konvenuta Mary Zahra ma kienetx, fix-xahar li damet taħdem mal-attriċi, persuna simili. Kif xehdet l-attriċi, u provi oħra kuntrarji ma hemmx, l-inkombenza tal-konvenuta kienet biss li tkompli man-nies u hija ma kellhiex x'taqsam mal-flus u max-xogħol. Ir-relazzjoni bejn l-attriċi u l-konvenuta kienet sempliċi lokazzjoni d'opera, li fir-rigward tal-konvenuta kienet relazzjoni ta' natura prettament ċivili (ara Vol. XXXIII-II-167; XVIII-III-43);

Anki s-self li sar lill-konvenuta, kif allegat, ma kellu xejn fih li jimporta att ġuridiku magħmul minn dik il-konvenuta fil-kors jew in konnessjoni mal-impjeg li għalieh kienet addetta;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti hi ta' fehma illi l-kawża preżenti hi ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Marzu 1960, tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u għal dan il-fini tordna li l-atti jiġu mibgħutin lura lil dik il-Qorti;

L-ispejjeż tal-inċident, tant tal-prima istanza kemm tal-appell, mħabba ċ-ċirkustanzi, jibqgħu mingħajr taxxa.